MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Numru. 261/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**PAUL BORG**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Paul Borg residenti Nru 34, Triq il-Gojjin, Kercem, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 45160 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fis-16 ta' Settembru 2002 u qabel din id-data, hu naqas li jhallas lill-ex impjegat tieghu Frank Mizzi pagi ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2002 u s-16 ta' Settembru 2002 fl-ammont ta' Lm630.00. Art 10, 23, u 41 tal-Kap 135.

Il-Qorti kienet mitluba li tornda lill-akkuzat li jhallas lil Frank Mizzi s-somma ta’ Lm630 kif hemm spjegat iktar ‘il fuq.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe` lil Anton Zammit in rapprezentantza tad-Department of Industrial and Employment Relations, Frank Mizzi, lill-imputat jixhed minn jeddu u lil Tommy Xerri;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 10, 23 u 41 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-Qorti hi rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti mressqa mill-prosekuzzjoni li Frank Mizzi ma thallasx ghax-xoghol li ghamel u dik ta’ l-imputat li jghid li Mizzi ma hadimx mieghu u jekk ghenu xi ftit huwa kien jikkumpensah;

Il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda mismugha u tal-fatti kif esposti mix-xhieda u thoss illi l-verzjoni tal-fatti kif esposta mill-parte civile hija dik veritiera;

Il-Qorti pero` rat illi l-kwistjoni kienet wahda kwazi familjari u cioe` li l-gharus tat-tifla kien qed jahdem mall-missier ta’ l-gharusa u l-istess missier ma haddmux mieghu aktar ghaliex bintu hassret minn mieghu;

Rat illi x-xoghol kien wiehed de minimis u rregolari u ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi ghandha tinzel taht il-mininu ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant tiddikjara li ssib lill-imputat hati u tikkundannah ghall-hlas ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) multa u takkordalu zmien xahrejn sabiex ihallas is-somma ta’ sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630) lil Frank Mizzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------